



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 41/24

Lussemburgu, 5 ta' Marzu 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-588/21 P | Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni et

L-istandards tekniċi armonizzati Ewropej dwar is-sigurtà tal-ġugarelli għandhom ikunu aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-aċċess għal dawn l-istandards, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li tivvalida dan ir-rifjut.

Fl-2018, il-Kummissjoni Ewropea ħadet it-talba ta' żewġ organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru għal aċċess għal standards tekniċi armonizzati dwar is-sigurtà tal-ġugarelli. Fl-2021, il-Qorti Ġenerali vvalidat din iċ-ċaħda, iżda, fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tal-istandards armonizzati dwar is-sigurtà tal-ġugarelli, peress li dawn tal-aħħar jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni minħabba l-effetti legali tagħhom. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Public.Resource.Org, u Right to Know huma żewġ organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru li għandhom bħala funzjoni li jagħmlu l-liġi liberament aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha. Fl-2018, huma talbu lill-Kummissjoni tagħtihom aċċess għal standards tekniċi armonizzati fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-ġugarelli. Dawn l-istandards kienu jikkonċernaw b'mod partikolari l-ġugarelli u settijiet ta' natura kimika. Il-Kummissjoni ħadet it-talba tagħhom u l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni, li ġiet adita mill-assoċjazzjonijiet, ikkonfermat din iċ-ċaħda ¹.

Fl-appell, **illum il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li d-dritt tal-Unjoni jiggarantixxi lil kull ċittadin tal-Unjoni u lil kull persuna fiżika u ġuridika li ttrissjedi fi Stat Membru l-aċċess għal dokumenti, b'mod partikolari għal daww miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea ². L-aċċess għal dokument jista' madankollu jiġi rrifjutat fil-każ li l-iżvelar tiegħu jkun jippreġudika l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika speċifika, inkluż f'dak li jirrigwarda l-proprjetà intellettuali, sakemm interess pubbliku superjuri ma jkunx jiġġustifika l-iżvelar ta' dan id-dokument.

F'dan il-każ, id-dokumenti li jirrigwardaw **l-istandards armonizzati relatati mas-sigurtà tal-ġugarelli jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni**. Fil-fatt, leġiżlazzjoni tal-Unjoni tista' tagħti effetti legali lil tali standards, b'mod partikolari l-fatt li prodotti li jissodisfaw tali standards jitqiesu li huma konformi mal-istandards stabbiliti minn din il-leġiżlazzjoni u jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni. F'dan is-sens, standard armonizzat jista' jispeċifika drittijiet mogħtija lill-partijiet fil-kawża kif ukoll obbligi imposti fuqhom. Fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-prinċipju tal-Istat ta' dritt u fuq dak ta' aċċess liberu għal-liġi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-possibbiltà għaċ-ċittadini li jkunu jafu dawn l-istandards tista' tkun neċessarja għalihom biex jivverifikaw jekk prodott jew servizz partikolari jkunx konformi effettivament mar-rekwiżiti ta' tali leġiżlazzjoni. Għalhekk, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tal-istandards armonizzati inkwistjoni.**

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2021, Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni, [T-185/19](#).

² [Regolament \(KE\) Nru 1049/2001](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.